TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Fit-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumatur

CCT/39/16 MS

Alfred Vella

vs

Mirage Holdings Ltd.

Illum, 26 ta' Settembru 2016

It-Tribunal

Ra l-avviz ipprezentat mir-rikorrent fit-12 ta' Frar 2016 fejn talab ir-rifuzjoni ta' sebghin Euro (€70.00) prezz ta' Philishave li xtara f'Gunju 2014 minghand is-socjeta' intimata, liema Philishave zviluppatilha hsara fit-terminu tal-garanzija fejn is-socjeta' intimata minkejja attentati ghat-tiswija, dina ma rnexxietx u l-magna baqghet difettuza.

Ra illi s-socjeta konvenuta giet notifikata bl-avviz tas-smigh fl-17 ta' Frar 2016.

Ra illi minkejja s-socjeta' kellha 18 - il gurnata tax-xoghol sabiex tirrispondi, dina baghtet ir-risposta taghha fl-1 ta' Gunju 2016 u ghalhekk ghandha titqies bhala *fuori termine* fejn allura l-istess socjeta' ghandha tigi meqjusa bhala kontumaci.

Ra illi fis-seduta tal-25 ma deher hadd u fuq talba tar-rikorrenti ghal differiment, il-kawza giet differita ghall-20 ta' Gunju 2016.

Ra illi fis-seduta tal-20 ta' Gunju 2016 deher biss ir-rikorrent u ma deher hadd ghas-socjeta intimata.

Semghet ix-xhieda tar-rikorrent Alfred Vella bil-gurament, fejn ikkonferma it-talba tieghu.

Ra d-dokumenti kollha esebiti fejn jirrizulta, mhux kontestat li l-Philishave in kwistjoni nxtrat mis-socjeta' intimata u li kienet taht garanzia fiz-zmien meta zviluppatilha l-hsara.

TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Fil-kontumacja tas-socjeta' intimata u peress illi l-versjoni tar-rikorrent hija verosimili u probabbilment vera, tilqa' l-istess u tikundanna l-isocjeta' intimata li tirrifondi is-somma ta' sebghin Euro (€70.00), prezz ta' Philshave mixtri mis-socjeta' intimata, b'dan illi l-isocjeta' intimata jkollha d-dritt illi tiehu lura l-istess Philishave in kwistjoni.

Bl-ispejjes kontra l-isocjeta' intimata.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru